**Minuti**

**Seduta Nru. 26/2016**

Data: It-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2016

Ħin: 6:00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida

---

Preżenti: Sur Matthew Mangion – *Chairperson*
Sra Deborah Galea – Viċi Chairperson
Sur Owen Patrick Attard– Membru
Sur Mawel Galea

Assenti Sur Jimmy Zahra – *Membru*

*Sjr Karen Camilleri – Aġent Segretarju Eżekuttiv*

---

Il-laqgħa bdiet fis-18:00 permezz ta' talba miċ-Chairperson.

## 1. Minuti

Il-Kumitat approva l-minuti tas-seduta 25/2016 kif moqrija.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

### 2.1 Traffic Management Swatar

Ic-Chairman staqsa kienx hemm risposta minghand Transport Malta dwar it-Talba ghal-Laqgha. L-Agent Segretarju Ezekuttin infurmat li tkellmet ma ufficcjal ta' TM u ssuggerixxa li tigi fformulata lista ta' talbiet u titressaq ghall-attenzjoni ta' Transport Malta. Tqajjmet diskussjoni dwar dan u gie deciz li tintbaghat korrispondenza ufficcjali lis Segretarju Permanenti, s-Sur Christopher Cutajar sabiex jintervjeni u dan il-meeting mitlub isir.

### 2.2 Playing Field Balliju Guttenberg

Tqajjmet diskussjoni dwar il-bandli tas-Swatar u dwar il-hsarat li qed ikun hemm fl-istess bandli. Gie propost li titressaq talba ghall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-Imsida sabiex jigi

prezentat progett ta' rinnovar u jsir taht l-iskema UIF. Ic-Chairman ippropona li jkun hemm CCTV Cameras adwegati sabiex tissorvelja l-area kollha tal-playing field.

## 2.2 Tarag fi Triq il-Wied

Is-Sur Owen Patrick Attard ikkonferma li l-madum tat-tarag li jaghti ghal Triq il-Wied kollu twahhal. Hu spjega li sar vandalizmu mal-hajt tat-tarag, fejn saret tpingija. Is-Sur Attard ressaq talba quddiem il-Kunsill Lokali B'Kara sabiex isiru CCTV Cameras, izda s-Sindku nfurmati li bhalissa qed isir focus fuq ir-rimi ta' skart.

## 2.3 Housing Estate fi Swatar

Ic-Chairman staqsa kienx hemm update dwar il-progett tal-Housing fi Swatar. Gie propost li tintalab aktar informazzjoni lis-Sur Anthony Ellul fi hdan il-Ministeru. Il-membru Deborah Galea nfurmat li skont informazzjoni li kisbet minghand xi persuni, hemm xi flats li diga ttiehdu u gew imwieghda li sa tmien xhur ohra jkunu lesti. Is-Sinjura Galea qal li l-Kumitat Amministrattiv ghandu jkun infurmat b'dan kollu. Is-Sur Owen Patrick Attard qal li hu kien infurmat minn xi persuni li x-xoghol fuq il-bini tal-Housing Estate kellu jinbeda f'Settembru.

## 2.4 Talba ghall-Bozza Gdida fit-trejqa li taghti ghall-Knisja Parrokkjali

Il-Kumitat Amministrattiv talab li titressaq talba ghall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali B'Kara sabiex tigi nstallata bozza gdida fit-trejqa li taghti ghall-Knisja Parrokkjali San Gorg Preca.

## 2.5 Ilqugh fi Triq iz-Zernieq

Is-Sur Owen Patrick Attard infurma li l-ilqugh mitlub fi Triq iz-Zernieq k/m Triq l-Ghabex baqa' ma sarx. L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat li kienet ghaddiet talba ghall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali B'Kara fit-28 ta' Lulju. L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat li se tkun qed terga' tghaddi reminder lill-Kunsill sabiex dan l-ilqugh isir mil-aktar fis.

## 2.6 Plot mitluq fi Triq Manwel Vilhena

Triq Manwel Vilhena k/m Triq P. Borg Olivier – Is-Sinjura Deborah Galea infurmat li hemm sit f'din il-kantuniera li qed isservi ta' mizbla. Huwa ferm importante li jsir it-tindif u jittella' cint skont il-ligi ghaliex qed ikun hemm hafna grieden fit-toroq. Ic-Chairman infurma lill-membri li kellu nformazzjoni li kien hemm Stop Notice fuq il-plot in kwistjoni.

## 2.7 One Way System fi Triq D. Fumicelli

Gie diskuss traffic Management gdid ghal Triq D. Fumicelli u gie deciz li titressaq talba ghall-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.

Is-Sinjura Deborah Galea infurmat li fit-toroq ta' Swatar qed ikun hemm sewqan eccessiv, li jista' jikkawza periklu ghar-residenti.

## 2.8 Football Tournament

Gie diskuss meta jista' jsir dan it-tournament. Is-Sinjura Deborah Galea spjegat li hija problema ta' manpower ghax hi jkollha l-attivitajiet bit-tfal u l-membru Manwel Galea jkun xoghol filwaqt li l-helpers bejn li jahdmu u bejn skola u mhux se jkunu available biex jghinu.

Is-Sinjura Galea spjegat li l-pitches huma bbukkjati u l-Kumitat Amministrattiv ma jistax jimponi li jinghata dati ohra ghax is-St Martin's offrew li jaghtu l-pitches free of charge.

Is-Sur Owen Patrick Attard ippropona li dan it-tournament isir f'pitch iehor u l-income mil-fee tinghata bhala donazzjoni lil xi ghaqda filantropika. Is-Sinjura Deborah Galea spjegat li l-problema hi li jekk taqta' l-ispejjez mhux se jkun hemm xi qligh kbir. Dan ghaliex il-Kumitat Amministrattiv irid jahseb ghall-premijiet u jridu jithallsu r-referees.

Ic-Chairman gibed l-attenzjoni li huwa mportanti li jkun hemm manpower waqt it-tournament.

Il-Vici Chairman, is-Sinjura Deborah Galea pproponiet li tintbaghat korrispondenza lil St Martins' sabiex jistaqsi hemmx xi granet fost il-gimgha li l-Kumitat Amminstrattiv jista' juza l-pitches, biex b'hekk tigi evalwata l-possibilta' li dan it-tournament isir fost il-gimgha.

### 2.9 Taħwil ta' pjanti fi Triq is-Sissla

Il-Vici Chairman, is-Sinjura Deborah Galea infurmat li giet avvicinat mir-residenti ta' Triq is-Sissla fejn qed jistaqsu jekk hux se jsir tahwil ta' pjanti fil-hwat il-gdid li sar dan l-ahhar.

### 3. Aġġornament

Il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis, 03 ta' Novembru 2016 fis-6.00p.m.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.40p.m.

FFIRMATA
Matthew Mangion
*Chairperson*

FFIRMATA
Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv

Data tal-approvazzjoni: 10 ta' Jannar 2017